# Ridt intir bil-ferħ! Qatt ma bsart li …

**Ridt intir bil-ferħ. Qatt ma bsart li kont se nerġa' nsib il-kelb tiegħi Fjord.**

**Bħas-soltu jien ħadt il-kelb tiegħi passiġġata qasira fil-kampanja qalb dawk il-fjuri hekk sbieħ. Lanqas sħaba waħda ma kienet tidher fis-sema. Kif konna sejrin lura Fjord ra qattus iswed. Jien kont pront għedtlu "tmurx warajh. Dak żgur ta' xi saħħar u jista' jagħmillek xi ħaġa". Iżda hu ma tax kasi u beda jiġbed iċ-ċinga biex jipprova jaħrab. Billi idi kienet kollha mxarrba bl-għaraq, iċ-ċinga żelqitli minn idi u Fjord ħarab jiġri b'kemm kellu saħħa wara dak l-imbierek ta' qattus iswed.**

**Jien ukoll bdejt niġri wara Fjord iżda wara ftit għejejt u kelli nieqaf nistrieħ. Billi kien sar ftit tal-ħin iddeċidejt li nerġa' lura d-dar. Kif wasalt id-dar u ommi ratni mdejjaq għall-aħħar, hi dlonk staqsietni x'kien ġara. Bid-dmugħ f'għajnejja rrakkontajtilha x'kien ġara. Malli saret taf qaltli li missieri seta' jixtrili kelb ieħor iżda jien għedtlu li ma ridt l-ebda kelb ieħor ħlief Fjord.**

**L-għada qassamt *posters* ta' Fjord u fihom ktibt li min isib kelb iswed b'roqgħa bajda fuq dahru u kullar aħmar iġibu fl-eqreb għassa tal-pulizija jew iċempel 2156…. Għedt ukoll li min isibu kien se jingħata rigal xieraq.**

**Għaddew kważi ġimgħatejn u ħadd ma ċempel u kont kważi se naqta' qalbi li se nerġa' nara lill-kelb tiegħi Fjord. Iżda jum fost l-oħrajn ġrat ħaġa tassew meraviljuża. Mal-bieb smajt qisu tħaxwix u qisha qalbi ħebritni li xi ħaġa sabiħa kienet qed tistennieni. Bla telf ta' żmien mort niftaħ il-bieb u hemm insib lill-għażiż kelb tiegħi Fjord. Beda jaqbeż u jogħla miegħi qisu miġnun. Ma nafx għalfejn ħarist 'il barra, u ftit 'il bogħod nara kelba eżatt bħal Fjord. Mort niġri ngħid lil ommi u tgħidtx kemm ferħet meta rat lil Fjord qawwi u sħiħ. Jiena dlonk staqsejtha nistax inżomm il-kelba wkoll. Bla ma ħasbitha darbtejn ommi qaltli "iva". Jien ridt intir bil-ferħ. Qatt daqs dakinhar m'għannaqt u bist lil ommi.**

**Dik kienet ġurnata li żgur mhu se ninsa qatt kemm indum ħaj.**